31994D0166

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Marzu 1994

li taċċetta r-Riżoluzzjoni Nru 47 dwar l-introduzzjoni ta' *carnet* tat-TIR addizzjonali b'garanzija oġħla adottata fit-2 ta' Lulju 1993 mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa (UN/ECE) li jiddiskuti kwistjonijiet tad-dwana li jaffettwaw it-trasport

(94/166/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Riżoluzzjoni Nru 47 tipprovdi miżuri sabiex jiżguraw li tiġi applikata l-Konvenzjonai tat-TIR ta' l-1975 u tipprovdi garanzija oġħla għat-trasport ta' ċerti tipi ta' merkanzija li tinvolvi riskju oġħla ta' evażjoni frawdolenti tad-dazji tad-dwana u oħrajn;

Billi wara li ġie kkunsidrat il-kontenut tagħha din ir-riżoluzzjoni hija ta' importanza ewliena għal-Komunità u għandha tiġi aċċettata b'effett immedjat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Hija hawnhekk aċċettata f'isem il-Komunità b'effett immedjat ir-Riżoluzzjoni Nru 47 dwar l-introduzzjoni ta' karnè tat-TIR addizzjonali b'garanzija oġħla adottata fit-2 ta' Lulju 1993 mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa *(UN/ECE)* dwar kwistjonijiet tad-dwana li jaffettwaw it-trasport,

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna mogħtija l-poter li tinnotifika lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa bl-aċċettazzjoni mill-Komunità, b'effett immedjat, tar-Riżoluzzjoni riferita fl-Artikolu 1.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Marzu 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

Y. PAPANTONIOU

IR-RIŻOLUZZJONI Nru 47 DWAR L-INTRODUZZJONI TA' CARNET TAT-TIR ADDIZZJONALI B'GARANZIJA OGĦLA

adottata fit-2 ta' Lulju 1993 mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa (UN/ECE) dwar Kwistjonijiet Doganali li jaffettwaw it-Trasport

IL-GRUPP TA' ĦIDMA DWAR IL-KWISTJONIJIET DOGANALI LI JAFFETTWAW IT-TRASPORT,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tal-funzjonament bla xkiel tal-Konvenzjoni tad-Dwana dwar it-Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija taħt il-kopertura tal-*carnets* tat-TIR (il-Konvenzjoni tat-TIR ta' l-1975) sabiex jiġi ffaċilitat il-ġarr internazzjonali tal-merkanzija bil-vetturi tat-triq,

IMĦASSEB, dwar iż-żidiet riċenti fil-każi tal-frodi li jistgħu jipperikolaw li jiġu ffaċilitati l-miżuri pprovvduti fil-Konvenzjoni tat-TIR ta' l-1975,

KONXJU mid-diffikultajiet iffaċċjati mill-katina internazzjonali li tagħti l-garanziji sabiex tipprovdi garanziji adegwati għall-merkanzija ta' riskju għoli mil-lat tad-dwana,

WARA LI KKUNSIDRA illi l-introduzzjoni malajr kemm jista' jkun ta' Karnè tat-TIR b'garanzija għolja li jkopri t-tabakk u l-alkol tista' tipprovdi pass lejn is-soluzzjoni ta' dawn il-problemi,

FILWAQT LI JŻOMM F'MOĦĦU d-dispożizzjonijiet ta' l-Anness u n-nota ta' spjega 0.8.3 fl-Anness 6, tal-Konvenzjoni tat-TIR ta' l-1975,

JIDDEĊIEDI unanimament il-miżuri temporanji li ġejjin li jidħlu f'effett qabel ma tidħol fis-seħħ l-emenda għall-Konvenzjoni tat-TIR ta' l-1975, possibbilment matul il-kors tas-sena 1994:

Fil-każ tat-trasport ta' l-alkol u t-tabakk, li d-dettalji tagħhom huma mogħtija hawn taħt, l-awtoritajiet tad-dwana huma rrakkommandati li jgħollu l-ammont massimu li jista jiġi mitlub mill-assoċjazzjonijiet li jagħtu l-garanziji għal somma egwali għal US$ 200 000:

1. l-etil alkol mhux żnaturat ta' qawwa alkolika skond il-volum ta' 80 % vol. jew ogħla (il-kodiċi tas-SA 220710);

2. l-etil alkol mhux żnaturat ta' qawwa alkolika skond il-volum ta' inqas minn 80 %, l-ispirti, il-likuri u xorb ieħor spirituż; it-tħejjijiet komposti tal-alkol tal-kwalità wżata għall-fabbrikazjoni tax-xorb (il-kodiċi tas-SA 2208);

3. is-sigarri, iċ-cheroots u s-cigarillos, li jkun fihom it-tabakk (il-kodiċi tas-SA 240210);

4. is-sigaretti li jkun fihom it-tabakk (il-kodiċi tas-SA 240220);

5. it-tabakk tat-tipjip, sewwa jekk ikun fih sostituti tat-tabakk u sewwa jekk le, f'kull poporzjon (il-kodiċi tas-SA 240310).

Għat-trasport ta' l-alkol u t-tabakk mogħtija hawn fuq, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom jitolbu *carnets* tat-TIR li fuqhom ikun hemm stampat b'ittri kbar il-kliem "TOBACCO/ALCOHOL" u "TABAC/ALCOOL" u "TABAKK/ALKOL" fuq il-qoxra u fuq il-vouchers kollha. B'żieda ma' dan, dawn il-*carnets* irid ikollhom folja addizzjonali li tipprovdi d-dettalji dwar il-kategoriji tat-tabakk u ta' l-alkol iggarantiti kif indikat hawn fuq.

Il-*carnets* tat-TIR "TABAC" "TABAKK" eżistenti ffirmati mis-Sur A Westerink mhumiex validi iktar,

JITLOB lill-Unjoni Internazzjonali tat-Trasport (UIT), lill-assoċjazzjonijiet nazzjonali li jagħtu l-garanziji u lill-awtoritajiet tad-dwana li jieħdu l-passi meħtieġa kollha sabiex jipprovdu għall-introduzzjoni tal-karnè tat-TIR "TOBACCO/ALCOHOL" "TABAKK/ALKOL", mill-1 ta' Settembru 1993,

JITLOB lill-Partijiet kontrattanti għall-Konvenzjoni tat-TIR ta' l-1975 sabiex jinnotifikaw lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UN/ECE) sa l-1 ta' Settembru 1993, jekk jaċċettawx il-*carnet* tat-TIR "TOBACCO/ALCOHOL", "TABAKK/ALKOL",

JITLOB lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UN/ECE) li jgħarraf lill-Partijiet Kontattanti kollha tal-Konvenzjoni tat-TIR ta' l-1975 dwar l-aċċettazzjoni tal-karnè tat-TIR "TOBACCO/ALCOHOL" "TABAKK/ALKOL".